# Se tibbukkja akkomodazzjoni online? Ftit pariri għal xiex għandek toqgħod attent



DR RODERICK AQUILINA
Kordinatur taċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumaturi ta' Malta

F'dan iż-żmien ta' festi ħafna jkunu dawk li jaħsbu biex jibbukkjaw btala barra minn Malta. Permezz ta' dan l-artiklu ċ-Ċentru jixtieq jinfurmakom dwar id-drittijiet li għandkom bħala konsumaturi kif ukoll dak kollu li għandkom toqogħdu attenti għalih biex tevitaw kemm jista' jkun li tkunu ddiżappuntati.




Dejjem għandna nżommu f'moħħna li għaddejjin minn żmien ta' pandemija u s-sitwazzjoni ta' meta nibbukkjaw il-vjaġġ tista' tkun differenti meta niġu biex insiefru. Allura huwa importanti ħafna li nżommu ruħna aġġornati mar-rekwiżiti kollha relatati mal-pandemija tal-COVID-19 imposti fil-pajjiż li beħsiebna nżuru. Dan minħabba l-fatt li jekk ikun hemm xi nuqqas nistgħu ma nitħallewx nirkbu abbord l-ajruplan jew nidħlu fil-pajjiż tad-destinazzjoni u nitpoġġew taħt kwaratina obbligatorja. L-iżjed rekwiżiti importanti huma li nkunu mlaqqma kif ukoll li jkollna riżultat validu tal-PCR. Ħafna drabi r-riżultat ta' dan it-test ikun validu jekk ikun sar bejn 48 u 72 siegħa qabel naslu fid-destinazzjoni tagħna. Ikun għaqli li wieħed ukoll jivverifika mal-awtoritajiet tas-saħħa jekk hemmx bżonn li toqgħod kwarantina meta tasal lura Malta mill-btala tiegħek.

Illum il-ġurnata drajna nidħlu f'xi pjattaforma partikolari online li tkun toffri numru kbir ta' postijiet għal akkomodazzjoni. Minn din il-pjattaforma tkun tista' tqabbel il-prezz, kif ukoll servizzi, mill-kumdità ta' darek. Il-parir li ngħatu aħna bħala Ċentru huwa li fejn huwa possibbli tibbukja post tal-akkomodazzjoni li tkun tista' tikkanċella mingħajr ħlas. Għandek dejjem taqra t-termini u kundizzjonijiet għaliex mhux kull post ta' akkomodazzjoni joffri l-istess termini u kundizzjonijiet, speċjalment it-terminu sa meta għandek id-dritt li tikkanċella mingħajr ħlas. Il-pandemija għallmitna li kieku ħafna iżjed konsumaturi bbukkjaw l-akkomodazzjoni bil-possibbiltà tal-kanċellament bla ħlas, kienu jevitaw ħafna problemi għaliex faċilment setgħu ħadu flushom lura billi jikkanċellaw fil-ħin. Ħafna għandhom l-idea li għaliex tkun ibbukkjajt online allura għandek id-dritt għal 14-il ġurnata biex tkun tista' tibdel fehmtek. Fil-każ ta' akkomodazzjoni dan id-dritt ma japplikax. Japplikaw biss it-termini u l-kundizzjoni fil-ftehim tal-post li krejt jew it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-lukanda.

Ħafna mill-pjattaformi online jaġixxu biss bħala intermedjarji bejnek u sid il-post li tkun għażilt bħala l-post tal-akkomodazzjoni tiegħek. Dan ifisser li jekk l-akkomodazzjoni ma tkunx kif deskritta, il-pjattaforma ma tkunx direttament responsabbli. Ladarba inti tagħmel l-ilment tiegħek, il-pjattaforma titkellem mas-sid tal-lukanda biex tipprova tasal għal kompromess. Il-pjattaforma tkun direttament responsabbli jekk il-problema tkun relatata mal-ibbukkjar innifsu. Jekk inti tipprova li sar nuqqas min-naħa tal-pjattaforma u sid il-post jew il-lukanda ma kinux infurmati bil-prenotazzjoni tiegħek allura f'dak il-każ il-pjattaforma tkun responsabbli biex tirrifondik dak li tkun ħallast.

Ġieli kellna sitwazzjonijiet, għalkemm mhux komuni, fejn il-konsumatur jinduna li l-post ma jkunx jeżisti meta jasal fid-destinazzjoni. Din tkun waħda mill-agħar esperjenzi li tista' tiltaqa' magħha u li sfortunatament tħarbat il-pjan tal-btala kollu. Minħabba dawn ir-raġunijiet huwa dejjem rakkomandabbli li tħallas permezz ta' pagament sigur bħalma huma l-karti ta' kreditu fost oħrajn. Apparti hekk għandek dejjem tivverifika li l-informazzjoni bħal ritratti tal-post kif ukoll l-indirizz huma korretti. Tista' tivverifika faċilment billi tmur fuq il-websajt oriġinali jew pjattaformi online oħra u tqabbel l-informazzjoni mogħtija lilek. Ikun għaqli li wieħed ifittex għal opinjoni ta' konsumaturi li jkun diġà marru fil-post partikolari. Dejjem żomm il-provi kollha relatati mal-ilment bħal korrispondenza kif ukoll xi ritratti bħala evidenza tal-ilment tiegħek.

Huwa importanti li meta tinqala' problema l-ewwel tkellem lil sid il-post jew il-lukanda ma' min tkun bbukkjajt l-akkomodazzjoni tiegħek biex tipprova tasal għal ftehim ġust. Fejn ma tintlaħaqx soluzzjoni amikevoli u n-negozjant ikun ibbażat fi Stat Membru, inkluż l-Iżlanda u n-Norveġja, tista' tagħmel kuntatt maċ-Ċentru tal-Konsumatur ta' Malta biex niggwidawk u nfehmuk aktar dwar x'inhuma d-drittijiet u r-rimedji tiegħek.

Importanti wkoll li tkun taf mingħand min qed tikri għaliex jekk t-transazzjoni tkun saret bejn żewġ individwi, iċ-Ċentru ma jkunx jista' jaħdem fuq l-ilment tiegħek anke jekk stabbilit fi Stat Membru ieħor, l-Iżlanda jew in-Norveġja. Iċ-Ċentru jkun jista' jgħinek biss jekk it-transazzjoni saret bejnek u bejn kummerċjant reġistrat.

L-informazzjoni f'dan l-artiklu kienet provduta miċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta). L-iskop ta' dan l-artiklu huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali.F'każ ta' lment jew bżonn ta' aktar informazzjoni tista' tikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) fuq in-numru tat-telefown 21221901. L-Uffiċċju tal-ECC Malta jinsab 47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.